KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

# Rapport Annwali Amministrattiv u ta' Ħidma

Jannar – Diċembru 2012

KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

# Introduzzjoni

## Tmiem is-Sitt Leġislatura u l-bidu tas-Seba' Leġislatura

Ir-raba' sena ta' ħidma tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem fis-sitt leġislatura ġiet fit-tmiem tagħha f'Marzu 2012. F'April 2012 bdiet is-seba' leġislatura li din għandha tkompli sa Marzu 2015.

## Laqgħat tal-Kunsill

Matul is-sena 2012 saru 3 laqgħat tal-Kunsill fis-Sitt leġislatura (numru 48 sa' numru 50) u l-attendenza kienet hekk:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Francis Cauchi (Sindku) | 3 | 3 | - |
| Stephen Mercieca (Viċi-Sindku) | 3 | 3 | - |
| Joseph Camilleri Kunsillier) | 3 | 2 | 1 |
| Larry Buttigieg (Kunsillier) | 3 | 3 | - |
| Peter Caruana (Kunsillier) | 3 | 3 | - |

Matul is-sena 2012 saru laqgħat tal-Kunsill fis-Seba' leġislatura (numru 1 sa' numru 11) u l-attendenza kienet hekk:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Francis Cauchi (Sindku) | 11 | 11 | - |
| Franco Ciangura (Viċi-Sindku) | 11 | 10 | 1 |
| Stephen Mercieca (Kunsillier) | 11 | 10 | 1 |
| Larry Buttigieg (Kunsillier) | 11 | 11 | - |
| Peter Caruana (Kunsillier) | 11 | 11 | - |

Laqgħat Ad Hoc

| Laqgħa | Francis Cauchi | Stephen Mercieca | Joseph Camilleri | Larry Buttigieg | Peter Caruana | Franco Ciangura |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 ta' Frar | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | |
| 26 ta' Lulju | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | ✓ |
| 19 ta' Settembru | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | ✓ |
| 5 t'Ottubru | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | ✓ |
| 26 t'Ottubru | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | ✓ |
| 29 t'Ottubru | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | ✓ |

J.F. de Chambray Street, Għajnsielem, Gozo GSM 1051
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

Laqgħa Annwali tal-Lokalita`

Din il-laqgħa saret nhar is-27 ta' Frar, fejn il-Viċi Sindku biss ma attendiex għal din il-laqgħa. Preżenti mir-residenti kien hemm is-Sur Elvin Tabone.

**Xogħol matul is-Sena 2012**

Matul din is-sena, l-Kunsill Lokali baqà jaħdem bla waqfien bix-xogħol li kien beda s-sena preċidenti u xogħol ieħor ġdid li beda jaħdem fuqu matul din is-sena. Għal darba oħra il-Kunsill irnexxielu jwettaq il-programm li fassal għas-sena 2012. B'din il-ħidma l-Kunsill kompla jtejjeb il-kwalità tal-ħajja lir-residenti f'Għajnsielem, kompla jsebbaħ ir-raħal u fuq kollox isarraf ix-xogħol kontinwu li pprogramma kemm għal ambjent aħjar, infrastruttura u edukazzjoni.

Fid 9 ta' Marzu 2012 saret l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali t'Għajnsielem. Parti mix-xogħol li twettaq matul din is-sena sar mil-Kunsill preċedenti fejn dan baqa jaħdem sal-31 ta' Marzu 2012. Minn April sal-lum il-Kunsill il-ġdid baqà jaħdem fuq il-programm tal-Kunsill ta' qablu u fassal programm ta' ħidma għat 3 snin li ġejjin. Kull Kunsillier ingħata responsabilita ta' xogħol li għandu jieħu ħsieb fejn għandu x'jaqsam infrastruttura, ambjent, kultura, attivitajiet soċjali, indafa, tisbiħ, edukazzjoni, ġemellaġġ u programmi mil-Ewropa. B' dan il-mod, ix-xogħol ikun jista jsir aktar b'mod effiċċjenti u b'ritmu aktar mgħaġġel.

Toroq

Għalkemm din is-sena l-Kunsill ma kellux fil-programm it-toroq pero rnexxielu jagħmel pressjoni fuq il-Ministeru għal Għawdex sabiex issir bit-*tarmac* Triq Lourdes, li verament kienet fi stat ħażin. Il-Ministeru żamm il-kelma tiegħu, fejn illum din it-triq tlestiet bit-*tarmac* u tranġaw il-bankini. Parti oħra mit-Triq Cordina saret ukoll bit-*tarmac* u l-Kunsill ser ikompli jagħmel pressjoni mal-Ministeru għal Għawdex sabiex din tibqa titkompla sa fejn iċ-Ċimiterju tar-raħal.

*Fondi mill-Unjoni Ewropea , Ministeru Gvern Lokali u Ministeru għal Għawdex*

Il-Kunsill applika għal fondi ta' €70,000 mill-iskema ta' Eko Għawdex biex ikun jista jibni l-Għajn tal-Ħasselin, inaddaf il-parti ta' l-ilqugħ ta' l-ilma fil-Wied ta' Simirat kif ukoll jixtri *Eco Truck*, li jaħdem bil-batterija sabiex ikun jista' jintuża mil-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill applika wkoll għal fondi speċjali maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li għandhom ħames kunsilliera biex ikun jista jwettaq xi proġett. Għal dan il-fond il-Kunsill Lokali applika sabiex isir tisbiħ fil-Pjazza tad-Dehra.

L-akbar ammont ta' flus li l-Kunsill applika, kien fuq il-proġett tal-Leader, taħt il-programm tal-Miżura 313. Din l-applikazzjoni saret fuq il-proġett ta' *Recreational Park* f' ta' Passi. Il-Kunsill diġà applika għal permessi meħtiega mal-MEPA u kiteb lid-Dipatiment tal-Kunsilli, biex b'koordinament mad-Dipartiment tal-artijiet, din iż-żona tiġi devoluta lill-Kunsill. Il-fondi fuq din l-applikazzjoni kienu jammontaw għal

€300,000. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettata iżda mpoġġiha fuq il-lista ta' riserva b'inqas fondi sakemm jinħareġ il-permess tal-MEPA.

*Playing Fields*

Saru spezzjonijiet mill-MCCAA fuq iz-żewġ *playing fields* li għandna fir-raħal u wara ntbagħat rapport sabiex il-Kunsill ikun jista jirranġa n-nuqqasijiet li jeżistu u jneħħi kull periklu li hemm imniżżel fuq dan ir-rapport. Il-Kunsill diġà beda jaħdem fuq dan ir-rapport, u ser jiġu installati *cctv cameras* għal-*playing field* Amabile Cauchi. L-ispiża ta' dawn il-*cameras* ser tammonta għal madwar €8,000. Il-Kunsill ukoll qed jieħu ħsieb biex ineħħi kull periklu li hemm u jkompli jżid fl-apparat meħtieġ, b'mod partikolari fil-*playing field* Father Hersey, fiż-żona tal-Gudja.

Proġett Pjazza Madonna ta' Loreto

Il-Kunsill dejjem baqa jaħdem bla waqfien, fejn diversi drabi kien jidher li se jintlaħaq ftehim mal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Pero sfortunatament kull darba li jkun se jintlaħaq ftehim, wara ftit ġranet il-Kunsill kien jirċievi xi ittra li dawn dawn l-Awtoritajiet li ma kienux qed jaqblu fuq xi punt jew disinn tal-pjanta. Kawża t'hekk, il-proċess ta' dan il-ftehim kien dejjem qiegħed jitwal. F'Marzu reġgħu bdew it-tentativi, fejn sar kuntatt mis-sindku dirett mal-Isqof biex isir ftehim fuq il-proġett ta' din il-Pjazza. Wieħed mill-punti li ma kienux qed jaqblu, kien fuq id-dritt li l-Kunsill ikollu biex itella' attivitajiet fuq il-Pjazza, wara li qabel kienu qablu ma dan il-punt. Il-Kunsill talab ukoll għal diversi drabi li jiltaqa' l-Kunsill kollu mal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi fejn b'hekk jiġu diskussi l-punti dak il-ħin, iżda din it-talba qatt ma ġiet milqugħa.

Wara diversi laqgħat, il-Kunsill iddeċieda li jabbanduna dan il-proġett u l-flus allokati għal-Pjazza jintużaw għal proġetti oħra fir-raħal. Il-Kurja qed tgħid li l-Pjazza hi propjetà tal-Knisja u allura għandha tinvesti f'dan il-proġett għas spejjeż tagħha. Il-Kurja wkoll ma irrisponditx lill-avukata tal-Ministeru għal Għawdex fejn għal diversi drabi tul dawn l-aħħar 3 snin talbet lill-Kurja sabiex tissottometti il-kopja tal-kuntratt tal-Pjazza u dan għadu sal-lum ma ġiex preżentat.

Proġett Għajn tal-Hasselin

Din is-sena, wara li kien ħareġ il-permess tal-MEPA u l-approvazzjoni tax-xogħol mis-Superintendent of Cultural Heritage, kif ukoll ingħataw l-offerti tax-xogħol, beda x-xogħol tat-taħmil. Fortunatament waqt it-tħammil instabet parti mil-Għajn oriġinali. Il-Kunsill informa minnufih lid-dipartiment tas-Superintendent of Culture Heritage u dawn talbu lill-Kunsill biex titqabbad arkeoloġista biex tosserva x-xogħol ta' tħammil li fadal x'isir. Waqt it-tħammil instab ukoll shelter fejn dan ġie mnaddaf mil-Kunsill mill-ammont kbir ta' materjal li kien hemm ġo fih. Ix-xogħol kellu jieqaf sakemm l-arkeoloġista ħejjiet ir-rapporti li kien hemm bżonn. Saret tindifa taħt it-tmexxija ta' arkeoloġista tal-għajn oriġinali u il-Kunsill ġie mitlub biex iżomm u jirristawra din l-Għajn. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni beda fis-16 ta' Diċembru 2012 fejn saret ċerimonja ta' tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Għajn. F'din l-okkażżjoni ġiet impoġġiha plakka

kommemorattiva li nkixfet mil-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono, peress li dan il-proġett ser isir mill-fondi ta' EKO Għawdex.

*Eko Truck*

Bil-fondi li l-Kunsill Lokali Għajnsielem ħa mill-iskema ta' Eko Għawdex, il-Kunsill xtara Eko Truck li jaħdem bil-batterija biex jiġi użat mil-ħaddiema tal-Kunsill għax-xogħlijiet fir-raħal. Il-preżentazzjoni ta' dan it-truck saret fix-xahar ta' Diċembru b'ċerimonja qasira fejn is-sur Micheal Debono, rappreżentant tal-Kumpanija Micheal Debono Ltd., ippreżenta t-truck fil-preżenza tal-Ministru għal-Għawdex, ll-Onor. Giovanna Debono. Il-Ministru faħħret lill-Kunsill tal-eżempju li qed lill-Kunsilli oħra. B'dan il-mod ngħinu biex ikolna ambjent aktar nadif.

Proġett Interreg IVC - Green Infranet

Dan hu programm ta' 3 snin li jikkonsisti fi sħubija ma' 12 il-pajjiż f'Ewropa, bil għan li l-imsieħba jaħdmu flimkien biex jippromovu proġetti li jimplimentaw infrastruttura Ekoloġika fil-pajjiżi msemmiha. Il-programm beda f'April li għadda fil-belt ta' Flevoland ġewwa l-Olanda. Din il-belt hi l-*leader* ta' dan il-programm. Diġà saru erba' laqgħat oħra waħda, fl-Ungerija, fl-Irlanda u f'Barcellona. Il-Kunsill tagħna hu rappreżentat mil-espert tal-kumpanija privata li qabbad il-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Ma dawn il-postijiet hemm ukoll Valencia, Ċipru, Portugal, Emilia Romania fl-Italja, u Bulgarija. Fix-xahar ta' April li ġej il-laqgħa ser issir ġewwa Malta fejn il-Kunsill iddeċieda li din issir fir-raħal tagħna stess ġewwa l-lukanda Grand Hotel. Diġà bdejna l-preparamenti għal dan is-seminar fejn ser ikolna rappreżentanti minn dawn il-postijiet. Dan is-seminar ser jinqasam fuq perjodu ta' jumejn u l-Kunsill qed jaħdem bis-sħiħ sabiex dan is-seminar ikun suċċess. Fil-fatt dan l-aħħar saret laqgħa wkoll mad-Diretturi tat-Turiżmu u Eko Għawdex fi ħdan il-Ministeru sabiex dawn ukoll ikunu jistgħu jipparteċipaw għal dan is-seminar minn naħa ta' Gvern Ċentrali. 85% tal-ispejjeż fuq dan il-programm tul it-3 snin ser ikunu mħalsa mil-Unjoni Ewropea.

**Attivitajiet Kulturali u Soċjali**

Fuq dan il-qasam il-Kunsill Lokali baqa jaħdem sabiex ikompli jorganizza u anke jżid dawn l-attivitajiet. B'dan kollu, l-opportunita lejn iż-żgħażagħ baqgħet tkompli tikber biex jesprimu t-talenti tagħhom. Fost l-attivitajiet li saru; il-premju Ġieħ Għajnselmiż u l-ġimgħa ta' Għajnsielem fix-xahar ta' Diċembru fejn dan kien jinkludi wkoll żjara lill-morda li ma joħorġux. Ġew organizzati għas-sajf *sports* differenti għat-tfal bil-kollaborazjoni taż-żewġ Segretarji Parlamentari għall-Isport u Kunsilli Lokali kif ukoll ma' Għajnsielem Redcoats. Attività ta' bbq fil-ġranet ta' qabel il-festa bil-mistieden speċjali Alfred Portelli fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru. Ġew organiżżati ħargiet għal-anzjani kif ukoll ħarġa għat-*Trade Fair.* Attività oħra ta' suċċess li saret bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill kienet dik ta' pageant fuq il-passjoni ta' Kristu li ttellgħet fi Pjazza Indipendenza. Tellajna kompetizzjoni ta' l-Snooker kif ukoll kompetizzjoni ta' l-isbaħ tieqa mżejna u l-isbaħ presepju għal-Milied. Organizzajna flimkien mal-Iskola tal-Arti mawra għal-belt ġemellata magħna Tolfa, fejn ipparteċipaw studenti minn din l-Iskola u dawn esibew pitturi u artiġjanat ieħor f'TolfaArte. Saru wkoll attivitajiet għat-tfal ta' l-iskola primarja. Kellna żjara minn grupp ta' żgħażagħ minn Civita Vecchia l-

Italja fejn dawn għal dawn l-aħħar sentejn bdew jorganizzaw konkors *Olimpiadi della Culturali* fuq skala nazzjonali fejn żgħażagħ maqsumin fi gruppi mil-Italja kollha jipparteċipaw f' dawn l-Omipjadi ta' talent u intelliġenza. Ir-rigal finali f'dan il-konkors ikun vjaġġ kollox imħallas f'destinazzjoni fl-Ewropa. Fil-fatt dawn iż-żgħażagħ iddeċidew li l-vjaġġ rebbieħ għas-sena li ġejja ser ikun fir-raħal tagħna fejn dawn ukoll ser ikollhom l-opportunita li fil-jiem li jdumu hawn jitgħalmu l-lingwa Ingliża. Diġà saru l-arranġamenti mal-Iskola tal-Lingwa Ingliża li għandna fir-raħal tagħna.

## Ċentru Ċiviku

Il-Kunsill żamm il-wegħda tiegħu li jiftaħ l-uffiċċju tiegħu ġdid flimkien maċ-Ċentru Ċiviku fi triq J.F. de Chambray fix-xahar ta' Marzu li għadda. Iċ-Ċentru Ċiviku, li hu aċċessibli għal kullħadd, jinkorpora fih l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, il-librerija, l-għassa tal-Pulizija kif ukoll il-Berġa. Dan il-proġett kollu sar bil-flus tal-Kunsill mill-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali u ma ssellef m'għand l-ebda bank.

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Amanda Abela**
**Segretarju Eżekuttiv**